Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri - Ghawdex)

Imhallef Anthony Ellul

Seduta tal-lum il-Gimgha, 27 ta' Ottubru 2017

Appell Civili numru:- 5/2012

**Pawla Xerri**

**vs**

**Francis Muscat, Peter Muscat u permezz ta'digriet tal-25 ta' Ottubru 2012 l-isem ghandu jaqra Peter Paul Muscat, Rita Carabese u b'digriet tal-25 ta' Ottubru 2012 l-isem ghandu jaqra Rita Carabez u b'digriet tal-4 t'Ottubru 2013 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary sive MaryAnne mart Francis Theuma, Josette mart George Formosa, Natalie Carol sive Carol mart Joseph Pace, Gladys Jennifer sive Jennifer mart Daniel Sammut u Pierre Paul ahwa Carabez stante l-mewt ta' Maria Rita sive Rita Carabez fil-mori tal-kawza u Anthony Muscat**

**Il-Qorti:**

Rat **l-Avviz tal-attrici tas-27 ta' Gunju 2012** prezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri permezz ta' liema talbet sabiex il-konvenuti jigu ddikjarati responsabbli ghall-hlas tad-danni sofferti minnha fir-rigward ta' hsarat illi l-istess konvenuti ghamlu jew hallew isiru minhabba nuqqas ta' manutenzjoni fil-fond proprjeta' taghha bin-numriu 18, fi Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex, waqt li l-istess fond kien mikri lill-konvenuti jew lil missierhom bhala predecessur fit-titolu taghhom. Ghall-finijiet ta' kompetenza gie dikjarat illi s-somma pretiza ma kinitx teccedi l-limitu ta' kompetenza tal-Qorti. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-12 t'April 2012 u bl-imghaxijiet kontra l-intimati.

Rat ir-**Risposta tal-konvenut Peter Paul Muscat u Rita Carabez tat-3 ta' Ottubru 2012**[1] li permezz taghha ressqu dawn l-eccezzjonijiet: (i) fl-ewwel lok jehtieg li ssir korrezzjoni fl-okkju stante li l-kunjom tal-konvenuta Rita Carabez huwa erronjament indikat bhala

[1] Fol 18

"Carabese"; (ii) il-gudizzju mhux integru ghaliex il-konvenuti citati in kawza ma kinux l-unici werrieta ta' Joseph Muscat u l-wirt tal-istess Joseph Muscat ma idevolviex biss fuq l-erba' konvenuti; (iii) minn wara l-mewt ta' missierhom Joseph Muscat li sehhet fis-7 ta' Ottubru 1990, il-konvenuti Peter Paul Muscat u Rita Carabez ma kellhomx il-pussess tal-fond bin-numru 18, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex. Fil-fatt huma la biss kellhom cavetta ta' dan il-fond, la qatt accedew fih wara l-mewt ta' missierhom u lanqas qatt ma hallsu xi kera lill-istess Pawla Xerri jew inkella awtorizzaw jew inkarigaw lil xi haddiehor biex ghan-nom taghhom huwa jhallas il-kera lil Pawla Xerri. Ghalhekkk zgur li ma tista' tigi addebitata lilhom l-ebda responsabbilita' – sia per via ta' azzjoni jew omissjoni – ghal dak li seta' sehh fil-fond proprjeta' tal-attrici; (iv) minghajr pregudizzju ghall-premess, il-hsarat li l-attrici qed tillamenta ruhha minnhom huma hsarat strutturali u l-obbligu sabiex isiru tali tiswijiet jinkombi fuq sid il-kera fit-terminu tal-artikolu 1540 tal-Kodici Civili. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat **ir-Risposta tal-konvenut Francis Muscat tal-4 t'Ottubru 2012**[2] permezz ta' liema eccepixxa hekk: (i) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti *rationae materiae* stante li l-allegati hsarat saru waqt relokazzjoni tal-istess fond li kien ghand il-konvenuti b'titolu ta' kera bhala fond kummercjali u ghaldaqstant il-kompetenza hija f'idejn il-Bord li Jirregola l-Kera ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemuna u mhux il-Qorti Superjuri; (ii) l-attrici trid tipprova li hija l-proprjetarja tal-fond *de quo*; (iii) il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iv) minghajr ebda pregudizzju, il-konvenut Francis Muscat ma kkawza l-ebda hsarat fil-fond numru 18, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex, liema hsara grat bl-ilma tax-xita diehel u jippenetra gol-fond in kwistjoni mill-fond numru 19, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex li huwa proprjeta' tal-attrici. Fil-fatt kienet waqghet il-kamra tal-banju tal-istess attrici ghal isfel u cioe' ghal gol-fond numru 18, Triq Xandriku, Nadur u kkawzat hsara fil-fond oggett tal-kawza. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-**Risposta ulterjuri ta' Francis Muscat tas-16 ta' Novembru 2012**[3] fejn eccepixxa illi l-allegati hsarat li l-attrici qed tillamenta ruhha minnhom huma hsarat strutturali u l-obbligu sabiex isiru tali tiswijiet jinkombi fuq sid il-kera fit-terminu tal-artikolu 1540 tal-Kodici Civili.

Rat ir-**Risposta ulterjuri ta' Francis Muscat tal-15 ta' Settembru 2016[4]** fejn subordinarjament ghat-tielet eccezzjoni tieghu, huwa eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-atikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat **is-sentenza preliminari tal-Ewwel Qorti tal-21 ta' Gunju 2013**[5] li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Francis Muscat dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti li tiddeciedi l-kaz *rationae materiae*.

---

[2] Fol 19

[3] Fol 25

[4] Fol 301

[5] Fol 36 et seq

Rat in-**Nota tal-5 ta' Novembru 2013**[6] permezz ta' liema l-attrici cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuti kollha ghajr Francis Muscat.

Rat **is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Novembru 2016**[7] li ddecidiet illi -

*"1. Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 stante li mhux l-artikolu applikabbli;*

*2. Tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap.16 fir-rigward tal-hsarat relatati u rizultanti mill-uzu tal-fond ghattrobbija tal-annimali kif ukoll fir-rigward tas-saqaf li ghadu hemm li izda huwa deskritt bhala 'sagging' mill-Perit. Fir-rigward tas-saqaf li waqa' u li jikkonsisti fis-saqaf tal-kamra fuq ix-xellug tar-ritratt a fol. 57 tal-process it-talba tirrizulta li mihjiex preskritta u ghaldaqstant limitatament ghall-hsara f'dan is-saqaf li waqa' t-talba attrici mihjiex preskritta;*

*3. Tilqa' r-raba eccezzjoni tal-konvenut stante li jirrizulta lil din il-Qorti li l-hsarat li sehhew fil-fond 18 sehhew rizultat tal-kundizzjoni li thalla fih il-fond numru 19 suespost mill-istess attrici u aventi causa taghha, kif ukoll rizultat tal-azzjonijiet ta' missier l-attrici fejn ipprojbixxa espressament lill-konvenut u missieru milli jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni fil-fond in kwistjoni u tghaddi sabiex tichad it-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez kollha, salv dawk gia decizi fl-atti, kontra l-attrici."*

L-attrici appellat mis-sentenza[8] u l-konvenut appellat wiegeb[9]. Waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2017 dehret l-appellanti assistita mid-difensur taghha u dehret ukoll id-difensur tal-appellat u saret trattazzjoni.

Il-Qorti qrat l-atti. Qrat ukoll l-atti tal-process allegat 2/2011 fl-ismijiet "Pawla Xerri vs Francies Muscat et".

L-attur appella mis-sentenza.

Francis Muscat wiegeb, u ddikjara li l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2016 ghandha tigi kkonfermata.

**<u>FATTI.</u>**

i. Il-fond bin-numru 18 mertu ta' dawn il-proceduri, flimkien mal-fond adjacenti bin-numru 19 gew akkwistati minn Joseph Borg, missier l-appellanti, fl-1969[10];

---

[6] Fol 56.

[7] Fol 311 et seq.

[8] Fol 328 et seq.

[9] Fol 356 et seq.

[10] Kuntratt a fol 94 et seq.

ii. Il-fond in kwistjoni jidher li nbena circa fl-1935[11]. It-tqassim tal-fond jirrizulta minn pjanta a fol 115 tal-process u huwa deskritt hekk-

*"The property…consists of an external front courtyard and front yard which are flanked by a rear room at the Northern side of the property, a room on the Western side of the property as well as a small room on the Eastern side of the courtyard[12]."*

iii. Meta Borg ghamel dan l-akkwist, il-venditrici Rita Micallef kienet infurmatu li fond numru 18 *"kien mikri lil Giuseppi Muscat (missier l-appellat) ghall-annimali[13]"*;

iv. Infatti kienet omm din il-venditrici li kkoncediet il-kirja tal-fond lil Giuseppi Muscat[14];

v. Wara l-mewt tal-genituri taghha, il-fond ghadda b'wirt ghand l-appellanti[15];

vi. Wara l-mewt ta' Giuseppi Muscat fl-1990, il-fond mikri ghadda f'idejn l-appellat li minn naha tieghu qal li huwa baqa' juzah biex irabbi l-annimali u l-fond qatt ma uzah ghal skop t'abitazzjoni;

vii. Gew istitwiti diversi proceduri bejn il-partijiet u cioe':

a. kaz fl-ismijiet **Joseph Borg vs Giuseppe Muscat** (Cit Nru 7/72) quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' liema r-rikorrent kien talab ir-ripreza tal-fond mikri sabiex ikun jista jaghtih lill-bintu Pawla u lil zewgha ghall-abitazzjoni. Il-Bord kien cahad it-talba ghax ikkonkluda li l-iskop tal-kirja kien wiehed kummercjali u ghalhekk il-fond kien protett mill-ligi. Din id-decizjoni giet konfermata mil-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 1983[16];

b. kaz fl-ismijiet **Joseph Borg vs Carmela Muscat et** (Rik 3/91) quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' liema r-rikorrent rega' talab ir-ripreza tal-fond din id-darba minhabba li l-inkwilini allegatament kienu ghamlu hsara konsiderevoli fil-fond u hallewh zdingat u inoltre huwa kellu bzonnu ghall-uzu personali tieghu u tal-familja. Il-Bord kien cahad it-talbiet tar-rikorrent, liema decizjoni giet konfermata fl-appell. Tentattiv ghal ritrattazzjoni tal-kaz gew michuda wkoll fit-30 ta' Marzu 2001[17];

c. kaz fl-ismijiet **Pawla Xerri vs Francis Muscat et** (Rik 2/11) quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera permezz ta' liema Xerri talbet ghal darb'ohra r-ripresa tal-fond ghax fil-fehma taghha l-

---

[11] Xhieda tal-appellanti a fol 73.

[12] Fol 112 – rapport tal-perit Tabone.

[13] Xhieda ta' Joseph Borg kwotata fis-sentenza fl-ismijiet "Joseph Borg vs Giuseppe Muscat" deciza fit-23 ta' Novembru 1983 a fol 108 para 2.

[14] Xhieda ta' Rita Micallef kwotata fl-istess sentenza a fol 108.

[15] Artikolu 5 tat-testment a fol 96 et seq.

[16] Fol 107 et seq.

[17] Fol 234 et seq.

fond safa abbandunat u ma kien hemm ebda attivita' kummercjali ghaddejja fih. Din il-kawza giet ceduta mir-rikorrenti wara li fit-23 ta' Frar 2012 l-intimati ddikjaraw li ma kienx fadlilhom interess fil-fond in kwistjoni u awtorizzaw lis-sid tiehu pussess immedjat tal-istess fond mikri[18];

viii. L-appellat jghid li l-ahhar darba li kien dahal fil-fond mikri kien fit-28 ta' Gunju 2011[19] izda kif jirrizulta mill-atti tal-proceduri annessi 2/2011, kien biss fit-23 ta' Frar 2012 li l-appellata giet awtorizzata mill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex tiehu lura l-pussess immedjat tal-fond wara dikjarazzjoni tad-difensur tal-appellat li huwa ma kienx fadallu nteress fil-fond in kwistjoni[20];

ix. Dakinhar stess tat-23 ta' Frar 2012 l-appellanti marret fuq il-post u tghid li sabet stragi shiha u cioe' saqaf imwaqqa', demel u travi maqsumin. L-ghada 24 ta' Frar 2012 hija hadet sensiela ta' ritratti li juru l-istat tal-fond in kwistjoni[21] u nkarigat lill-perit Cornelia Tabone li kkonstatat diversi hsarat fil-fond[22];

x. L-attrici pprezentat il-kawza erba' xhur wara, fis-27 ta' Gunju 2012;

xi. Ghalkemm il-pjanta mhejjija mill-perit Tabone a fol 115 turi biss it-tqassim tal-fond 18, huwa pacifiku li strutturalment, parti mill-fond 19, ukoll proprjeta' tal-appellanti, testendi ghal fuq il-fond 18. Il-provi juru li (a) fuq il-kamra z-zghira faccata tal-kamra mmarkata 'A' fil-pjanta tal-perit Tabone kien hemm il-kamra tal-banju tal-fond 19 li mbaghad maz-zmien kienet sfrundat ghal gol fond numru 18[23]; u (b) fuq il-kamra mmarkata 'B' fil-pjanta tal-perit jestendi wkoll il-fond numru 19[24].

**<u>Osservazzjoni.</u>**

Il-Qorti tinnota li quddiem l-ewwel Qorti l-appellat ta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kemm a tenur tal-artiklu 2153 kif ukoll l-artiklu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-ewwel qorti ddecidiet li l-artikolu 2156(f) ma japplikax ghaliex:

*"…. l-kliem 'danni sofferti' wzati fl-Avviz tal-attrici ma jhallu l-ebda dubju li l-preskrizzjoni applikabbli hjia dik taht l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghalkemm anki li kieku*

---

[18] Atti tal-process allegat 2/2011.

[19] Affidavit a fol 159.

[20] Verbal tat-23 ta' Frar 2012.

[21] Fol 57 et seq.

[22] Fol 111 et seq.

[23] Ara affidavit tal-appellat Francis Muscat a fol 158 -159 meta qal – "*Nghid ukoll li kienet waqghet il-kamra tal-banju mill-fond numru dsatax (19) ghal isfel…..Infatti dakinhar kien il-maltemp u kont ghadni kif hrigt minn gol-bitha u nisma' hoss qawwi u dhalt fil-kamra z-zghira li tinsab faccata dik indikata bl-ittra 'A' fil-pjanta ta' Cornelia Tabone u sibt li kien waqa' s-saqaf.*"

[24] Ara xhieda tal-appellanti a fol 78 dwar ir-ritratti mmarkati Dok PX 4 u Dok PX 5 (fol 60 u 61) fejn hija qalet "*Dawn it-travi u jien kont noqghod above.*"

*wiehed kellu japplika l-preskrizzjoni ta' hames snin xorta wahda jirrizulta li din il-parti tat-talba hija ampjament preskritta b'ghexieren ta' snin".*

Din il-parti tad-decizjoni ma gietx appellata, u ghalhekk mhuwiex importanti x'tahseb din il-qorti dwar dak li ddecidiet l-ewwel qorti fir-rigward tal-applikabbilita' o meno tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-appellant lanqas ma ressaq aggravju dwar jekk ghall-kaz in ezami tapplikax il-preskrizzjoni *a tenur* tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

**<u>L-ewwel aggravju tal-attrici.</u>**

L-ilment hu li:-

i. Nonostante li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 giet sollevata mill-appellat kienet wahda generali li tkopri l-azzjoni shiha, l-ewwel Qorti applikata b'mod separat fir-rigward ta' allegati hsarat f'diversi partijiet tal-fond. L-istat ta' fatt tal-bejt huwa stat ta' fatt wiehed;

ii. Inoltre, l-perjodu preskrittiv stipulat fl-artikolu 2153 tal-Kap 16 jibda jiddekorri mhux mill-jum li bdiet il-hsara, izda mid-data li l-istess danni jigu kristalizzati u jidhru. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur argumenta li l-kawza setghet tigi proposta,

*"…. mill-mument li l-atturi nnotaw il-hsara fil-proprjeta taghhom meta regghu hadu il-pussess lura fit-23 ta' Frar, 2012. Il-kawza odjerna giet intavolata fis-27 ta' Gunju 2012, u cioe' erbgha xhur wara li hadu lura l-pussess tal-fond".*

B'zieda ma' dan, f'materja ta' perkolazzjoni ta' ilma, fejn il-hsara timmanifesta ruhha bil-mod mhuwiex facli li wiehed jestabilixxi meta effettivament id-dannegjat seta' japprezza l-gravita' tal-problema. L-appellanti ma setghetx tkun taf bl-istat tal-fond peress li l-appellat qatt ma kien attiralha l-attenzjoni ghal dan. Fil-fatt, malli hadet lura l-post u nnutat il-hsarat agixxiet mill-ewwel.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

L-ewwel Qorti qasmet in-natura tal-hsarat fi tnejn:

i. il-hsarat li allegatament saru u l-hmieg li thalla b'rizultat tal-fatt li fond kien jintuza ghat-trobbija tal-annimali; u

ii. il-hsarat li saru fis-soqfa. Din il-hsara nqasmet bejn is-saqaf li waqa' u dak li ghalkemm ma waqax huwa *'sagging'*.

Il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti kienet li fir-rigward tal-ewwel tip ta' hsara din kienet preskritta ghax il-hsara li setghet grat fil-fond b'rizultat ta' dan kienet ilha ghexieren ta' snin tezisti.

Fir-rigward tas-saqaf li waqa' il-Qorti sabet li dan waqa' wara t-28 ta' Gunju 2011 u ghalhekk peress li l-kawza nfethet fis-27 ta' Gunju 2012 l-azzjoni fir-rigward mhjiex preskritta.

Fir-rigward tas-saqaf li hu *sagging* l-ewwel Qorti kkonkludiet li dan kien ilu zmien twil iqattar u ma jistax ikun li dan spicca f'dak l-istat fl-ahhar sentejn qabel infethet il-kawza, izda zgur minn ferm qabel u ghalhekk hija preskritta.

L-appellanti ssostni li l-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 giet sollevata mill-appellat kienet wahda generali li tkopri l-azzjoni shiha u ma kellhiex tigi spezzettata b'dak il-mod.

Il-Qorti ma taqbilx. Il-hsarat allegati ma kinux kollha tal-istess natura ghax l-appellanti ressqet ilment kemm fir-rigward ta' hsarat kawzati direttament mill-uzu tal-fond ghat-trobbija tal-bhejjem kif ukoll fir-rigward ta' zewg soqfa ta' kmamar separati. Ghaldaqstant it-talbiet fir-rigward ta' dawn l-allegati hsarat ma setghux jigu kkunsidrati kollettivament izda ndividwalment, inkluz it-trapass tat-terminu tal-preskrizzjoni dwar kull wiehed minnhom. Kien ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti biex tevalwa n-natura ta' kull hsara allegata u testabilixxi jekk, a bazi tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, dik il-hsara kinitx preskritta jew le.

L-ilment tal-appellanti jkompli li l-ewwel Qorti tat interpretazzjoni zbaljata ta' dan l-artikolu tal-ligi.

L-artikolu 2153 jghid hekk –

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni b'gheluq ta' sentejn."*

L-appellanti ssostni li skont din id-dispozizzjoni, l-perjodu preskrittiv ma jibdiex jghaddi mill-gurnata li bdiet il-hsara, izda minn meta dawn id-danni jikkristalizzaw ruhhom.

In linea gurisprudenzjali, din il-Qorti qalet hekk fil-kaz **Citadel Insurance et vs Anthony Mizzi deciza fis-16 ta' Dicembru 2015**[25] -

*"ii. Kif qalet din il-qorti fil-kawza **Luciano Martinelli nomine vs Saviour Pisani**, 22 ta' Gunju 2005:*

*"skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni" – "**Josianne Sciberras - vs- Giovanni Vella et**", Appell, 21 ta' Frar 1996; "**Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti**", Appell, 25 ta' Frar 2000;*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi"; Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala*

[25] App Nru 90/10.

*fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li tterminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali";*

*iii. L-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili jipprovdi: "Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Fil-kawza* ***Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et****, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru 2014, intqal:*

*"**<u>Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jghodd minn meta ssir il-hsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-hsara</u>**. Fil-kawza* ***Xuereb v Agius****, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tghaddi u timxi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih". It-test huwa wiehed oggettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-hsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza* ***Mohnani v. Stivala****, deciza fil-11 ta' Gunju, 2010, qalet:*

*"……. jibda biex jigi registrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodici Civili, "bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-ligi allura kien dak oggettiv, dipendenti mill-fatt li minnhom jorigina d-dritt tal-attur li jagixxi, mhux it-test soggettiv ghall-persuna tal-attur u cioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li tagixxi, tkun xi tkun ir-raguni" ("**Raphel Micallef -vs-Anthony Agius**", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbaghad, "iz-zmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1953")".*

*iv. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li r-rikorrent huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu;*

*v. Il-Qorti dejjem u f'kull każ ghandha l-obbligu li tistharreg d-data minn meta l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hijiex f'posizzjoni li tasal ghal xi konkluzjoni, ghandha tichad l-eccezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet* ***John Bugeja vs Joseph Gauci****, 28 ta' Novembru 2002)."*

Fis-sentenza **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd**, deciza fit-28 t'April 2016[26] il-Prim'Awla qalet:

*"L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-principju li z-zmien preskrittiv jghaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setghet tinbeda l-azzjoni. Dan il-principju huwa mibni fuq il massima li "actio non natae non praescribititur"*[27] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jagixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu ghall-kawzi guridici li jistghu ikunu ta' xkiel ghall-azzjoni u mhux ghal kawzi purament fattwali, per ezempju, ghal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soggettiv diment li dawn ma jqeghduhx fl-impossibilita` li jagixxi."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum, il-Qorti tqis li bhala punt tat-tluq, min jallega jrid jipprova. La kien l-appellat li ssolleva l-preskrizzjoni kien jinkombi fuqu li jgib il-prova in atti dwar id-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni.

Fil-kawza fuq imsemmija ***Mizzi Estates Limited vs Frank Borda et***, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kienet ukoll bazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) ghamlitha cara li, l-preskrizzjoni tiddekorri minn dakinhar li ssir il-hsara u mhux minn dakinhar li s-sid jinduna bil-hsara.

**1. Ghal dak li jirrigwarda l-allegati hsarat u hmieg li kien hemm fil-post minhabba l-uzu tieghu fit-trobbija tal-annimali**, anke jekk fir-rikors tal-appell ma saret ebda referenza diretta ghalih, mill-provi jirrizulta li:

i. Skont Rita Micallef waqt ix-xhieda taghha fil-kawza citata **Joseph Borg vs Giuseppe Muscat** jirrizulta li anke **fis-snin tmenin** meta l-fond kien qed jintuza minn missier l-appellat ghat-trobbija tal-annimali, diga' kien hemm certu telqa u zdingar tant li hija qalet hekk[28] **–**

*"Fiz-zmien naf li l-intimat kien irabbi t-tigieg fil-fond kif ukoll bhejjem ohra bhal naghag u moghoz. Gieli lmenta li l-post kien zdingat wisq u talabni biex nirrangahulu izda jien kont inhajru biex jixtrih kif inhu. Il-post nafu zdingat qabel ma dahal l-intimat."*

---

[26] Rik Gur 1051/2007.

[27] **John Grech vs Ivan Mifsud et,** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003.

[28] Fol 108.

ii. Mill-kawza l-ohra esibita fl-ismijiet **Joseph Borg vs Carmela Muscat et** l-antekawza tal-appellanti u wara l-mewt tieghu l-appellanti, sostnew li **fis-snin disghin** missier l-appellat ghamlu hsara konsiderevoli fil-fond u hallewh zdingat tant li a bazi ta' dawn l-allegazzjonijiet huma kienu anke talbu r-ripresa tal-fond.

Minn dan isegwi li anke jekk id-data preciza meta setghu sehhew il-hsarat u l-hmieg lamentati mill-appellanti ma tistax tigi ndikata bi precizjoni, certament li *se mai* dawn ilhom jezistu ghexieren ta' snin, bi piena konoxxenza tal-appellanti u missierha qabilha; **dan sahansitra minn qabel ma' l-inkwilin missier l-appellat kien ha l-fond b'kirja**.

Kellha ragun ghalhekk l-ewwel Qorti tikkonkludi li minhabba f'hekk il-kawza safejn jirrigwarda dawn il-hsarat hija preskritta.

**2. Ghal dak li jirrigwarda l-allegati hsarat fis-saqaf li waqa'**, l-ewwel qorti kkonkludiet li l-azzjoni mhijiex preskritta. Mhemmx appell minn din il-parti tas-sentenza da parti ta min ta l-eccezzjoni. Ghalhekk il-qorti m'ghandha bzonn taghmel l-ebda konsiderazzjoni dwar jekk l-ewwel qorti kinitx gustifikata tasal ghal dik il-konkluzjoni.

**3. Ghal dak li jirrigwarda l-allegati hsarat fis-saqaf li huwa "sagging"**, l-ewwel Qorti qalet hekk -

*"il-konvenut xehed b'certu dettal li dan is-saqaf kienu ilu zmien iqattar l-ilma ferm qabel ma huwa rrilaxxa il-fond f'idejn l-attrici u li dik kienet wahda mir-ragunijiet li rrilaxxa l-fond ghaliex beza' minn x'seta jigri mill-istess saqaf la darba kien qed jinzel l-ilma minnu. Mir-ritratti esebiti mill-istess attrici kif ukoll fir-relazzjoni tal-Perit Cornelia Tabone is-saqaf in kwistjoni jidher fi stat hazin hafna u* ***l-Qorti ssibha ferm difficli li tali saqaf seta' wasal ghal tali stat fil-perjodu tal-ahhar sentejn qabel infethet il-kawza izda certament kien f'dak l-istat minn ferm qabel****. Il-Qorti ghalhekk tqis li fir-rigward ta' dan is-saqaf li huwa 'sagging' it-talba tal-attrici hija wkoll preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 cioe' bil-perjodu ta' sentejn."*

Konkluzjoni li l-ewwel qorti setghet taghmel. L-attur ma ressaq l-ebda argument li jista' jikkonvinci lil din il-qorti li f'dan ir-rigward id-decizjoni tal-ewwel qorti kienet ghal kollox zbaljata u li ma setghet qatt tiddeciedi li fir-rigward tal-imsemmi saqaf, l-azzjoni kienet preskritta. Mir-ritratti a fol. 60, 61, 68 u 69 hi cara l-hsara li hemm fis-soqfa. Il-perit Tabone ddeskriviet is-saqaf bhala li jinsab fi stat dilipadat. Biex saqaf jispicca f'dik il-kundizzjoni jrid ikun snin twal ssirlu hsara. Zgur li s-saqaf ma sarx f'dik il-kundizzjoni fl-ahhar perjodu tal-kirja. Probabbilment il-hsara f'dak is-saqaf kienet timmanifesta ruhha minn snin twal qabel. Dan iktar u iktar meta tqies il-kundizzjoni tat-travi tal-injami (ara r-ritratti).

**<u>It-tieni aggravju tal-attrici.</u>**

L-appellanti argumentat:-

i. Minkejja li l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tas-saqaf li sfronda ghaddiet biex tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-appellat wara li rrizultalha li l-hsarat fil-fond 18 gew kawzati mill-istat li fih kien il-fond 19.

ii. Ma hemm ebda prova ta' ness bejn il-hsara li saret fil-fond 18 u l-istat tal-fond 19;

iii. L-appellanti ma kellha ebda obbligu li ggib il-prova dwar l-istat tal-fond 19 u ma kellhiex tigi penalizzata ghal dan mill-Ewwel Qorti li waslet ghall-konkluzjoni taghha abbazi ta' suppozizzjonjiet;

iv. Dawn iz-zewg fondi, ghalkemm attigwi huma distinti minn xulxin u l-unika konluzjoni peritali li hemm fl-atti tghid li l-hsarat li gew kawzati fil-fond 18 kienu rizultat tan-nuqqas ta' manutenzjoni li kien hemm f'dak il-fond stess;

v. Il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li missier l-appellanti kien ipprojbixxa lill-appellat u missieru milli jaghmlu xoghol ta' manutenzjoni ordinarja hija wkoll zbaljata u ma tezonerax lill-inkwilin mill-obbligi tieghu a tenur tal-artikolu 1543 tal-Kap 16;

vi. Ir-relazzjoni hazina bejn l-inkwilin u s-sid lanqas ma hi raguni bizzejjed biex tezonera lill-inkwilin milli jaghmel dawk il-manutenzjonijiet necessarji u javza lis-sid jekk kien hemm xi htiega ta' tiswijiet strutturali;

vii. Hija l-ligi stess li timponi fuq l-inkwilin l-obbligi ta' manutenzjoni ordinarja u inoltre, fir-rigward ta' hsarat ta' natura urgenti l-inkwilin jista' jaghmilhom u bi spejjez ta' sid il-kera.

**Konsiderazzjoni.**

Il-Qorti tosserva:

i. Kif qalet l-ewwel Qorti, minn dak li rrizulta mis-sentenza ezibita **Joseph Borg vs Carmela Muscat et** -

*"waqt access li sar fil-21 ta' Ottubru, 1991 il-Bord tal-Kera ta' dak iz-zmien kien irrizultalu kif dikjarat fid-decizjoni kif isegwi:*

***"Hsarat fil-fond ma rrizultawx.*** *Izda rrizulta li ma kienx fi stat ta' manutenzjoni tajba kif wiehed ghandu jistenna u jippretendi li jsib meta fond ikun uzat ghall-iskopijiet ohra li ma kinux it-trobbija u zamma ta' bhejjem." "L-istat ta' riparazzjoni huwa sodisfacenti u definittivament qatt ma jista' jammonta ghal "hsarat hafna" kontemplati fl-artikolu 9 (a) tal-Kap. 69.' Dan jevidenzja lil din il-Qorti li sas-sena 1991 il-fond numru 18, kien ikkunsidrat fi stat ta' riparazzjoni sodisfacenti la darba l-uzu li ghalih kien mikri kien ghat-trobbija u z-zamma tal-bhejjem."*

ii. Invece wiehed u ghoxrin sena wara, r-rapport tal-perit Cornelia Tabone tal-21 ta' Marzu 2012 sab l-istat tal-fond f'kundizzjoni ferm differenti. Fir-rigward taz-zewg soqfa in kwistjoni hija kkonstatat li[29]:

*"From an inspection carried out it transpires that the room on the Western side indicated by the letter A on the attached drawing is in a dilapidated state….* ***The roof of this same room which consists of xorok resting on wooden beams is….in a dilapidated state****. The central wooden beams and the xorok they supported have collapsed.*

*The ceiling of the room indicated by letter B on the attached drawing consists of a system of wooden beams supporting xorok. Currently the western side of this ceiling is exhibiting signs of sagging.*

*The damages this property is experiencing appears to be due to lack of proper maintenance."*

iii. Huwa minnu li kienu ghaddew hafna snin bejn is-sentenza citata u r-rapport tal-perit Tabone, izda fil-kors ta' dawk is-snin il-fond mikri kien unikament fil-pussess tal-appellat u qablu, ta' missieru. L-appellat jghid li huwa kien jaghmel manutenzjoni tal-post. Dwar is-saqaf li sfronda qal: *"Jien kont inhalleb il-bejt tal-kamra indikata bl-ittra A fuq il-pjanta tal-perit Cornelia Tabone u kont anke nkahhlu. Kull sena kont inhallbu l-bejt u bqajt naghmlu sal-ahhar.*[30] Xehed ukoll in-neputi tal-appellat, Joseph Muscat, li qal: *"…jiena gieli kont nghin liz-ziju jaghmel xi manutenzjoni fil-post. Din kienet tikkonsisti f'manutenzjoni li kien jaghmel fuq il-bejt u din billi huwa kien ihalleb il-bejt bir-ramel u c-cement biex ma jidholx l-ilma u jien akont inzommlu s-sellum biex jitla' fuq. Nghid ukoll illi sa meta l-ahhar li dhalt f'dan il-post ma kien hemm l-ebda soqfa mwaqqghin*[31]*"*.

Fir-raba' eccezzjoni l-konvenut argumenta li l-hsara fil-fond grat, *"bl-ilma tax-xita diehel u jippenetra gol-fond in kwistjoni mill-fond numru 19, Triq Xandriku, Nadur, Ghawdex li hua proprjeta tal-attrici. Illi fil-fatt kienet waqghet il-kamra tal-banju tal-istess rikorrenti ghal isfel u cioe' ghal gol-fond numru 18, Triq Xandriku, Nadur u kkawzat hsara fil-fond oggett tal-kawza"*.

v. Pero' l-perit Cornelia Tabone xehedet –

*"…..l-maintenance works tas-soqfa ma jinkludix biss it-thallib tal-bejt. Ghandek, trid taghmel maintenance lit-travi, trid taghmel il-maintenance lix-xorok, jigifieri kieku x-xorok ma kinux damaged jew it-travi ma kinux damaged ma kienx jisfronda l-bejt*[32]*"*.

Qalet ukoll:

[29] Fol 112 et seq.

[30] Fol 158.

[31] Fol 247.

[32] Fol 187.

*"Jista' jkun anke weakness fit-travu, ghax dan hu travu tal-injam, huwa materjal naturali, jista' anke biz-zmien, jiddeterjora, jew mhux deterioration biss, naturali, anke dud u nsetti ohra. Jigifieri mhux bilfors bil-piz.*

*<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca</u>:*

*Issa, post li ghandu dak iz-zmien, ahna ghidna ghandu bejn wiehed u iehor, mitt (100) sena, din it-tip ta' hsara jew dawn it-tip ta' stat li kien fih il-post, jew semmejtilna t-travi, huwa mistenni li wiehed ikun hemm dawn it-tip ta' hsarat?*

*Ix-Xhud:*

*Jekk ma jkunx maintained on a normal basis, iva.*

*<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca</u>:*

*Jigifieri bil-maintenance, avolja jghaddu dawk is-snin kollha, xorta ma jispiccax, jew ma jkollux hsarat?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le jkollu, imma inti l-maintenance ghalhekk taghmlu, biex meta jkun hemm hsarat zghar, inti tikkoregihom[33].*

*<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca</u>:*

*Sewwa, imma inti ma tistax, hux hekk, teskludi jew ma tistax tghid x'tip ta' maintenance kienet issir?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*No.*

*[…]*

*Jien milli rajt jien, ma kienx qieghed isir maintenance, milli stajt nara jien.*

*<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca</u>:*

*U ghax ma rajtx, xhiex?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ghax kieku kien isir il-maintenance kien ikun better kept.*

*<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca</u>:*

*Il-post?*

---

[33] Fol 188.

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Il-post u li kieku kien isir il-maintenance, mhux ghax, per ezempju jkun hemm il-fili u mhux qeghdin hemm. Dik cucata, imma l-fatt li l-bini wasal fi stat li sfronda bejt*[34]*."*

Dak li xehedet il-perit Tabone ma giex kontradett bi prova teknika.

vi. L-ewwel qorti osservat li rrizulta li l-appellanti kienet halliet il-fond numru 19, li jinsab fuq il-fond numru 18, ghall-perjodu ta' madwar erbghin sena u li parti mid-deterjorazzjoni kienet minhabba perkolazzjoni ta' ilma fil-fond numru 18. Ziedet li rrizulta wkoll li *"sa mis-snin 90 u qabel il-konvenut u missieru kienu nghataw struzzjonijiet minn missier l-attrici sabiex ma jaghmlu l-ebda xoghlijiet fil-fond numru 18, lanqas tikhil. Din il-Qorti tqis li huwa ironiku ghall-ahhar li issa wara tali twiddiba mill-aventi causa tal-istess attrici, l-attrici qed tfittex ghall-hsarat li saru evidentement minhabba nuqqas ta' manutenzjoni kemm min-naha taghha u ta' missierha qabilha kif ukoll minhabba li l-konvenut u missieru kienu projbiti milli jaghmlu dan, espressament minn missier l-attrici"*.

vi. Din il-qorti ma tistax taqbel ma' din il-qorti meta tqies li:

(a) Il-konvenut ma ta l-ebda prova li s-saqaf iggarraf minhabba dak li ddeskriva fir-raba' eccezzjoni. M'hemm l-ebda prova teknika ta' konnessjoni bejn il-kondizzjoni tal-fond numru 19 u l-hsara li hemm fil-fond numru 18. Min jallega jrid jipprova, u f'dan ir-rigward l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut. Il-fatt wahdu li l-fond numru 19 kien fi stat hazin mhuwiex prova li l-hsara li saret fis-saqaf tal-fond numru 18 giet ikkawzata minhabba l-istat tal-fond numru 19.

(b) Dak li xehed l-avukat Anton Refalo ma sar ebda riferenza ghalih fl-eccezzjonijiet. Fil-fatt il-konvenut ma tax eccezzjoni li ma hax hsieb il-fond ghaliex is-sid kien ordnalu biex ma jaghmel xejn fih. Dan apparti li skont il-konvenut u n-neputi tieghu, matul is-snin baqa' jhalleb il-bjut. Minn dak li xehedet il-perit Tabone hu car li l-konvenut gie jaqa' u jqum mill-fond u hallieh jiddeterjora, ghalkemm kien qieghed jiddetjeni fond ta' haddiehor. Dan hu altru milli agir negligenti. Bhala inkwilin l-appellat kellu *duty of care* fil-konfront ta' sid il-kera. L-appellat kellu d-dmir li jizgura li fis-saqaf li ggarraf ma ssirx dik l-entita ta' hsara. Bl-ommissjoni tieghu, kif spjegat mill-perit Tabone, l-appellat rrenda ruhu responsabbli ghad-danni.

vii. Dwar il-likwidazzjoni tad-danni, il-perit Cornelia Tabone a fol. 114 kkonkludiet:

*"Given the curren state of the property and the damages it has undergone, the approximate cost of repairs would amount to €3663.32"*;

u tat rendikont ta' dawk l-ispejjez. A bazi tat-taghrif li hemm fl-imsemmi rapport, li hi l-unika prova teknika li tressqet, il-qorti qeghda *arbitrio boni viri* tillikwida d-danni fis-somma ta' elf u

[34] Fol 188-189.

hames mitt Ewro (€1,500) *arbitrio boni viri* biex jaghmlu tajjeb ghad-danni mitluba mill-appellanti.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' parzjalment l-appell tal-appellanti sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq u:**

1. **Tirriforma s-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2016 billi ghal dak li jirrigwarda s-saqaf li ggarraf tichad ir-raba' eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-attrici u *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) bhala danni, u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-istess ammont lill-attrici.**
2. **Spejjez taz-zewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**
3. **Ghal kumplament is-sentenza tal-ewwel qorti tibqa' li hi.**

(ft.) Anthony Ellul
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur